**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Mejju 2011 — Habanos vs UASI — Tabacos de Centroamérica (KIOWA)**

**(Kawża T-207/08)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva KIOWA — Trade marks Komunitarji u nazzjonali figurattivi preċedeni COHIBA — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (CE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2011/C 194/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Corporación Habanos, SA (Ħavana, Kuba) (rappreżentanti: inizjalment V. Gil Vega u A. Ruiz López, sussegwentement A. Ruiz López, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Tabacos de Centroamérica, SL (Pozuelo de Alarcón, Spanja) (rappreżentant: R.M. Caldés Llopis, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Marzu 2008 (Każ R 1189/2001-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Corporación Habanos, SA u Tabacos de Centroamérica, SL.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Corporación Habanos, SA għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).*

(3) *Tabacos de Centroamérica, SL għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 209, 15.08.2008

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2011 — PJ Hungary vs UASI — Pepekillo (PEPEQUILLO)**

**(Kawża T-580/08)** [1]

***(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PEPEQUILLO — Trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti PEPE u PEPE JEANS — Restitutio in integrum — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tal-prodotti — Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 81 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009))***

(2011/C 194/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PJ Hungary Szolgáltató kft (PJ Hungary kft) (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentanti: M. H. Granado Carpenter u C. Gutiérrez Martínez, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Mondéjar Ortuño, agent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Pepekillo, SL (Algésiras, Spanja) (rappreżentant: J. Garrido Pastor, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' April 2008 u tal-24 ta' Settembru 2008 (it-tnejn mogħtija fil-Każ R 722/2007-1), dwar, rispettivament, it-talba għal *restitutio in integrum* ta' Pepekillo, SL, u l-proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn PJ Hungary Szolgáltató kft (PJ Hungary kft) u Pepekillo

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-24 ta' Settembru 2008 (Każ R 722/2007-1) hija annullata.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *L-UASI għandha tbati l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż ta' PJ Hungary Szolgáltató kft (PJ Hungary kft), kif ukoll l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn PJ Hungary kif ukoll għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem l-ewwel Bord tal-Appell tal-UASI.*

(4) *Pepekillo, SL, għandha tbati l-ispejjeż tagħha u nofs l-ispejjeż ta' PJ Hungary kft.*

[1] ĠU C 44, 21.2.2009.